

Brussell, 21 ta' Marzu 2018  
(OR. en)

7407/18

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0060 (COD)**

---

---

JAI 246  
JUSTCIV 70  
EF 86  
EJUSTICE 19  
ECOFIN 271  
DRS 16  
COMPET 177  
EMPL 121  
SOC 161  
CODEC 429  
IA 73

## **PROPOSTA**

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Marzu 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 134 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-emendar tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-kopertura minima għat-telf għal skoperturi improduttivi

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 134 final.

Mehmuż: COM(2018) 134 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 14.3.2018  
COM(2018) 134 final

2018/0060 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-emendar tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-kopertura minima  
għat-telf għal skoperturi improduttivi**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2018) 73 final} - {SWD(2018) 74 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Din il-proposta hija parti importanti mill-ħidma sabiex tissaħħaħ l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa (UEM). Sistema finanzjarja aktar integrata se żżid ir-reżiljenza tal-UEM għal xokkijiet negattivi billi tiffaċilita l-kondiviżjoni tar-riskju privat bejn il-fruntieri, filwaqt li fl-istess ħin tnaqqas il-ħtieġa ta' kondiviżjoni tar-riskju pubbliku. Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, l-UE issa trid tlesti l-Unjoni Bankarja u timplimenta l-elementi kostitwenti kollha għal Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU). Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Ottubru 2017<sup>1</sup> tistabbilixxi t-triq 'il quddiem għat-tlestija tal-Unjoni Bankarja billi tippromwovi t-tnaqqis u l-kondiviżjoni tar-riskju b'mod parallel, bħala parti mill-pjan direzzjonali sabiex tissaħħaħ l-UEM stabbilit mill-Kummissjoni fis-6 ta' Diċembru 2017.<sup>2</sup>

L-indirizzar ta' stokkijiet kbar ta' self improduttivi (NPLs) u ta' skoperturi improduttivi (NPEs)<sup>3</sup> kif ukoll l-akkumulazzjoni possibbli tagħhom fil-futur jiffurmaw parti importanti mill-isforzi tal-Unjoni biex jitnaqqsu ulterjorment ir-riskji fis-sistema bankarja u biex il-banek ikunu jistgħu jiffukaw fuq is-self lin-negozji u liċ-ċittadini. Diskussjonijiet li jinsabu għaddejjin fil-Kunsill jikkonfermaw li huwa essenzjali li jsiru avvanzi ulterjuri fl-indirizzar tan-NPLs sabiex titlesta l-Unjoni Bankarja li hija prijorità għolja fl-Aġenda tal-Mexxejja.

Stokkijiet kbar ta' NPLs jistgħu jxekklu l-prestazzjoni ta' bank permezz ta' żewġ modi prinċipali. L-ewwel nett, l-NPLs jiġġeneraw anqas introjtu għal bank minn self produttivi u b'hekk inaqqsu l-profittabbiltà tal-bank u jistgħu jikkawżaw telf li jnaqqas il-kapital tiegħu. Fl-aktar każijiet severi, dawn l-effetti jistgħu jipperikolaw il-vijabbiltà ta' bank, b'implikazzjonijiet potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja. It-tieni nett, l-NPLs jużaw ammonti sinifikanti mir-riżorsi ta' bank, kemm umani kif ukoll finanzjarji. Dan inaqqas il-kapaċità tal-bank li jsellef, inkluż lill-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs).

L-SMEs jintlaqtu partikolarment mill-provvista mnaqqsa ta' kreditu billi jiddependu fuq is-self mill-banek ħafna aktar minn kumpaniji ikbar, u b'hekk dan ixekkel it-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjegji. Is-self mill-banek ħafna drabi jkun għali wisq u l-volumi ta' self mill-banek lill-SMEs intlaqtu serjament mill-kriżi finanzjarja tal-2008. Dan jimpedixxi l-iżvilupp u t-tkabbir tal-SMEs.

---

<sup>1</sup> Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar it-tlestija tal-Unjoni Bankarja, COM(2017) 592 final, 11.10.2017.

<sup>2</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bank Ċentrali Ewropew - aktar passi lejn it-tlestija tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa: Pjan direzzjonali, COM(2017) 821 final, 06.12.2017.

<sup>3</sup> NPEs jinkludu NPLs, titoli ta' dejn improduttivi u entrati improduttivi barra mill-karta bilanċjali. L-NPLs jirrappreżentaw l-ikbar sehem ta' NPEs u dan it-terminu normalment jintuża bħala *pars pro toto*. L-NPLs jindikaw self f'każijiet li fihom min jissellef isib diffikultà biex iżomm mal-pagamenti skedati għar-rimborż tal-kapital jew tal-imgħax. Meta jinqabżu l-pagamenti b'aktar minn 90 jum, jew jitqies bħala improbabli li s-self ikun se jiġi rimborżat mingħand min ikun issellfu, is-self jiġi kklassifikat bħala NPL.

Is-swieq sekondarji żviluppata sew għall-NPLs jikkostitwixxu wkoll wieħed mill-elementi kostitwenti għal CMU li taħdem sew<sup>4</sup>. Wieħed mill-għanijiet prinċipali li jinsabu wara l-prijorità tal-Kummissjoni li tistabbilixxi s-CMU huwa li l-SMEs, il-kumpaniji innovattivi b'rati għolja ta' tkabbir u n-negozji tal-UE jingħatawllhom sorsi ġodda ta' finanzjament. Filwaqt li l-proġett tas-CMU huwa ffukat fuq l-iffaċilitar tal-aċċess u d-diversifikazzjoni tal-finanzjament mhux bankarju għan-negozji tal-UE, jirrikonoxxi wkoll ir-rwol importanti li għandhom il-banek fil-finanzjament tal-ekonomija tal-UE. Għaldaqstant, wieħed mill-flussi ta' ħidma tas-CMU għandu fil-mira tiegħu t-titjib tal-kapaċità tal-banek li jsellfu lin-negozji, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-abbiltà tagħhom li jirkupraw il-valur mill-kollateral provdut biex jiġi garantit is-self.

Livelli kbar ta' NPLs iridu jiġu indirizzati bis-saħħa ta' approċċ komprensiv. Filwaqt li r-responsabbiltà primarja sabiex jiġu indirizzati livelli kbar ta' NPLs tibqa' komputu tal-banek u tal-Istati Membri,<sup>5</sup> teżisti wkoll dimensjoni ċara tal-UE sabiex ikun hemm tnaqqis tal-istokkijiet attwali ta' NPLs, kif ukoll prevenzjoni kontra akkumulazzjoni eċċessiva ta' NPLs fil-futur minħabba l-interkonnnettività tas-sistema bankarja tal-UE u b'mod partikolari dik taż-żona tal-euro. B'mod partikolari, hemm effetti konsegwenzjali potenzjali sinifikanti minn Stati Membri b'livelli kbar ta' NPLs fuq l-ekonomija tal-UE kollha kemm hi, kemm f'termini ta' stabbiltà finanzjarja kif ukoll f'termini ta' tkabbir ekonomiku.

Il-bżonn għal azzjoni deċiżiva u komprensiva ġie rikonoxxut fil-“Pjan ta' azzjoni biex jiġi indirizzat is-self improduttiv fl-Ewropa”, liema pjan ġie approvat mill-Kunsill ECOFIN fil-11 ta' Lulju 2017. Il-Pjan ta' Azzjoni jistabbilixxi approċċ komprensiv li jiffoka fuq taħlita ta' azzjonijiet politiċi kumplementari f'erba' oqsma: (i) is-superviżjoni u r-regolamentazzjoni tal-banek, (ii) ir-riforma tal-oqfsa ta' ristrutturar, insolvenza u rkupru tad-dejn, (iii) l-iżvilupp ta' swieq sekondarji għal assi f'diffikultà, u (iv) it-trawwim tar-ristrutturar tas-sistema bankarja. L-azzjonijiet f'dawn l-oqsma għandhom jittieħdu fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni, fejn ikun xieraq. Ċerti miżuri se jkollhom impatt aktar qawwi fuq il-valutazzjoni tar-riskju tal-banek fl-oriġini tas-self, filwaqt li oħrajn se jrawmu rikonoxximent f'qasir żmien u ġestjoni aħjar tal-NPLs, u miżuri ulterjuri se jtejjbu l-valur tas-suq ta' NPLs bħal dawn. Dawn il-miżuri jirrinforzaw lil xulxin b'mod reċiproku u ma jkunux biżżejjed effettivi jekk jiġu implimentati f'iżolament.

Din il-proposta, flimkien mal-miżuri l-oħra li l-Kummissjoni qed tippreżenta, kif ukoll l-azzjoni meħuda mill-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) u mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), huma elementi kruċjali ta' dan l-isforz. Billi tgħaqqad flimkien miżuri kumplementari, il-Kummissjoni tgħin fil-ħolqien ta' ambjent xieraq għall-banek sabiex jittrattaw l-NPLs fuq il-karti bilanċjali tagħhom, u biex inaqqsu r-riskju ta' akkumulazzjoni futura ta' NPLs.

Il-banek se jintalbu jwarrbu biżżejjed riżorsi meta self ġdid isir improduttiv, u joħolqu inċentivi xierqa sabiex l-NPLs jiġu indirizzati fi stadju bikri u tkun evitata wisq akkumulazzjoni tal-NPLs.

---

<sup>4</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Inlestu l-Unjoni tas-Swieq Kapitali sal-2019 - żmien li nħaffu l-proċess, COM(2018) 114.

<sup>5</sup> Il-Kummissjoni semmiet din il-kwistjoni, għall-Istati Membri kkonċernati, b'mod konsistenti fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

Jekk is-self isir improduttiv, mekkaniżmi ta' infurzar aktar effiċjenti għal self garantit se jippermettu lill-banek li jindirizzaw l-NPLs, soġġett għal salvagwardji xierqa għad-debituri.

Jekk l-istokkijiet tal-NPLs madankollu xorta waħda jżiedu ħafna – bħalma huwa l-każ bħalissa għal xi banek u xi Stati Membri – il-banek se jkunu jistgħu jbigħuhom lil operaturi oħra fi swieq sekondarji trasparenti, effiċjenti u kompetittivi. Is-superviżuri se jiggwidawhom f'dan ir-rigward, abbażi tas-setgħat eżistenti speċifiċi għall-banek, imsejħa tal-Pilastru 2, skont id-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRD)<sup>6</sup>. Fil-każijiet li fihom l-NPLs ikunu saru problema sinifikanti u wiesgħa, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kumpaniji nazzjonali ta' ġestjoni tal-assi jew miżuri oħra fil-qafas tar-regoli kurrenti dwar l-għajnuna mill-Istat u r-risoluzzjoni tal-banek.

Din il-proposta tippredvi garanzija ta' kontinġenza prudenzjali statutorja kontra kull akkumulazzjoni eċċessiva ta' NPLs fil-futur mingħajr kopertura tat-telf suffiċjenti fuq il-karti bilanċjali tal-banek. Din il-miżura hija kumplimentari għal għadd ta' miżuri oħra ppreżentati llum kif stipulat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "It-Tieni rapport ta' progress dwar it-tnaqqis fis-Self Improduttiv fl-Ewropa"<sup>7</sup>. Sabiex tgħin lill-banek iġestu aħjar l-NPLs, il-Kummissjoni toħroġ ukoll proposta separata li (i) ittejjeb il-protezzjoni tal-kredituri garantiti billi tippermettilhom aktar metodi effiċjenti biex jirkupraw flushom minn self garantit mogħti lill-intrapriżi, barra mill-qorti, u (ii) tneħħi ostakli bla bżonn għall-ġestjoni tal-kreditu minn partijiet terzi u għat-trasferiment tal-krediti sabiex is-swieq sekondarji għal NPLs jiġu ulterjorment żviluppanti. L-Istati Membri jingħataw ukoll gwida dwar kif jistgħu jistabbilixxu, fejn ikun xieraq, kumpaniji maniġerjali tal-assi (KMA) nazzjonali f'konformità sħiħa mar-regoli tal-UE tas-settur bankarju u tal-għajnuna mill-Istat. Il-Blueprint tal-KMA jipprovdi rakkomandazzjonijiet prattiċi sabiex jitfasslu u jitwaqqfu KMA fil-livell nazzjonali, fuq il-passi tal-aħjar prattiki minn esperjenzi tal-imġhoddi fl-Istati Membri<sup>8</sup>.

Dawn l-inizjattivi jirrinfurzaw lil xulxin b'mod reċiproku. Il-garanzija ta' kontinġenza prudenzjali statutorja tiżgura li t-telf tal-kreditu fuq NPLs fil-futur ikun kopert biżżejjed, u b'hekk jiġu ffaċilitati r-risoluzzjoni jew il-bejgħ tas-self improduttiv. Il-blueprint tal-KMA jassisti lill-Istati Membri li jesprimu xewqa li jirristrukturaw il-banek tagħhom permezz tat-twaqqif ta' kumpaniji maniġerjali tal-assi li jittrattaw l-NPLs. Dawn l-effetti huma kkumplimentati minn spinta għal żvilupp ulterjuri tas-swieq sekondarji għall-NPLs, minħabba li dawn jagħmlu d-domanda għall-NPLs aktar kompetittiva u jżidu l-valur tas-suq tagħhom. Barra minn hekk, l-eżekuzzjoni tal-kollateral aċċellerat bħala mekkaniżmu rapidu għall-irkupru tal-valur tal-kollateral, tnaqqas il-kostijiet ta' risoluzzjoni tal-NPLs.

---

<sup>6</sup> Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013, ĠU L 176, p. 338.

<sup>7</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bank Ċentrali Ewropew - it-tieni rapport ta' progress dwar it-tnaqqis fis-self improduttiv fl-Ewropa, daħħal in-Numru tal-COM ladarba jkun disponibbli.

<sup>8</sup> daħħal in-Numru tal-SWD ladarba jkun disponibbli.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Għandu jkun hemm dispożizzjonijiet għall-NPEs f'konformità mal-qafas ta' kontabbiltà applikabbli. L-Istandard Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) 9 il-ġdid, li ilu japplika fl-UE mill-1 ta' Jannar 2018, huwa mistenni li jgħin fl-indirizzar tal-kwistjoni ta' proviżjonamenti mdewmin u insuffiċjenti, peress li japplika fuq bażi ta' "telf mistenni". Madankollu, l-istandard il-ġdid jintroduċi biss bidliet limitati fir-rigward tal-assi finanzjarji li jkunu saru improduttivi. Barra minn hekk, l-istandards tal-kontabbiltà, inkluż l-IFRS 9, jistabbilixxu sett ġenerali ta' prinċipji u approċċi sabiex jiġi ddeterminat l-proviżjonament tat-telf tal-kreditu, aktar milli regoli ddettaljati. Minkejja l-gwida disponibbli dwar l-applikazzjoni tagħhom, l-istandards tal-kontabbiltà ġeneralment iħallu diskrezzjoni fir-rigward tad-determinazzjoni ta' telf tal-kreditu mistenni fuq l-iskoperturi produttivi u improduttivi, fost l-oħrajn fir-rigward ta' estimi ta' flussi tal-flus futuri minn kollateral jew garanziji u, konsegwentement, fid-determinazzjoni tal-livelli ta' proviżjonament.

Skont il-Pilastru 2 tal-qafas prudenzjali stabbilit fis-CRD, l-awtoritajiet kompetenti (jiġifieri s-superviżur) jistgħu jinfluwenzaw il-politika ta' proviżjonament ta' istituzzjoni u jitolbu li jsiru aġġustamenti speċifiċi għall-kalkoli tal-fondi proprji fuq bażi ta' każ b'każ<sup>9</sup>. Il-miżuri tal-Pilastru 2 jiġu applikati għad-diskrezzjoni tal-awtorità kompetenti u fuq bażi ta' każ b'każ, wara li jiġi konkluż li l-politika ta' proviżjonament tal-istituzzjoni tkun inadegwata jew inkella mhix prudenti biżżejjed minn perspettiva superviżorja.

B'konklużjoni, it-telf fuq l-iskoperturi ta' kreditu (inklużi NPEs) huwa suġġett kemm għal standards ta' kontabbiltà u kemm għal regolamentazzjoni prudenzjali. Madankollu, bħalissa la l-qafas tal-kontabbiltà u lanqas dak prudenzjali ma jipprevedu trattament minimu komuni li jipprevjani b'mod effettiv l-akkumulazzjoni ta' NPEs b'kopertura insuffiċjenti.

Fil-Pjan ta' Azzjoni tiegħu, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni sabiex "tikkunsidra garanziji ta' kontinġenza prudenzjali li jindirizzaw in-nuqqas ta' proviżjonament potenzjali li japplika għal self oriġinat reċentement. Dawn il-garanziji ta' kontinġenza statutorji jistgħu jkunu f'forma ta' tnaqqis prudenzjali obligatorju minn fondi proprji ta' NPEs, wara valutazzjoni tal-aktar kalibrazzjonijiet xierqa f'konformità mal-prattika internazzjonali".

NPEs li ma jiġux proviżjonati b'mod suffiċjenti huma aktar probabbli li jibqgħu fuq il-karti bilanċjali tal-banek f'tentattiv mill-banek li jevitaw jew idewmu r-rikonossiment tat-telf (l-approċċ "nistennew u naraw"). In-nuqqas ta' proviżjonament u t-tolleranza tat-telf huma ostakli kbar għar-ristrutturar tad-dejn u l-bejgħ tal-assi, minħabba li l-banek jistgħu jipposponu r-ristrutturar jew id-dizingranaggħ sabiex jevitaw ir-rikonossiment tat-telf. Id-dewmien fir-rikonossiment tat-telf instab li jikkontribwixxi għal self imnaqqas, minħabba li jpoġġi saħansitra aktar pressjoni fuq il-banek sabiex iżidu l-proviżjonamenti fi żmien ta' diffikultà (jiġifieri meta jimmaterializza t-telf u r-reqwiżiti regolatorji dwar il-fondi proprji jsiru l-aktar vinkolanti).

B'rispons għat-talba tal-Kunsill ECOFIN, il-Kummissjoni organizzat konsultazzjoni mmirata u valutazzjoni tal-impatt, fejn ikkonkludiet li l-introduzzjoni ta' trattament minimu prudenzjali li jiffunzjona bħala garanzija ta' kontinġenza statutorja għal skoperturi oriġinati reċentement li sussegwentement isiru improduttivi hija xierqa sabiex ikun hemm ilqugħ

---

<sup>9</sup> Il-Kummissjoni ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni ta' din is-setgħa fir-rapport tagħha dwar ir-reviżjoni tat-tħaddim tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (SSM), COM(2017) 591 final.

kontra l-akkumulazzjoni tal-NPEs fil-futur. L-emendi proposti għar-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR)<sup>10</sup>, li huwa direttament applikabbli għall-istituzzjonijiet kollha fl-UE, stabbilew qafas għal garanzija ta' kontinġenza prudenzjali għal skoperturi oriġinati reċentement li jsiru improduttivi, f'għamla ta' tnaqqis prudenzjali marbut biż-żmien minn fondi proprji. Din il-garanzija ta' kontinġenza għandha l-għan li:

- tnaqqas ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja li jirriżultaw minn livelli kbar ta' NPEs li jkollhom kopertura insuffiċjenti, billi tiġi evitata l-akkumulazzjoni jew iż-żieda ta' NPEs bħal dawn b'potenzjal ta' effetti konsegwenzjali f'kundizzjonijiet tas-suq f'diffikultà; u
- tiżgura li l-istituzzjonijiet ikollhom kopertura tat-telf suffiċjenti għall-NPEs, biex b'hekk tiġi salvagwardjata l-profittabbiltà tagħhom kif ukoll il-kapital u l-kostijiet ta' finanzjament fi żminijiet ta' diffikultà. Konsegwentement, dan jiżgura li finanzjament stabbli u anqas proċikliku jkun disponibbli għall-unitajiet domestiċi u n-negozji.

Din tkun kumplimentari għal (i) l-applikazzjoni tal-istandards ta' kontabbiltà fir-rigward tal-proviżjonament għal telf fuq is-self għall-NPEs, u (ii) l-użu ta' setgħat superviżorji eżistenti tal-Pilastru 2 wara li ssir valutazzjoni fuq bażi ta' każ b'każ mill-awtorità kompetenti.

Għaldaqstant, l-istituzzjonijiet se jkollhom ikomplu jirrikonoxxu d-dispożizzjonijiet f'konformità mal-valutazzjoni tagħhom u l-istandards tal-kontabbiltà applikabbli. Dawk id-dispożizzjonijiet, inklużi ż-żidiet potenzjali minħabba l-IFRS 9, se jitqiesu kompletament għall-finijiet tal-garanzija ta' kontinġenza prudenzjali. Fejn it-total tal-proviżjonamenti u aġġustamenti oħrajn ma jkunx biżżejjed biex jiġi kopert it-telf fuq l-NPEs sa livell minimu komuni, il-garanzija ta' kontinġenza prudenzjali tapplika u tirrikjedi t-tnaqqis tad-differenza minn entrati ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni (CET1). Wara li l-awtoritajiet kompetenti jaċċertaw fuq bażi ta' każ b'każ li, minkejja l-applikazzjoni tal-garanzija ta' kontinġenza għall-NPEs skont dan ir-Regolament, l-NPEs ta' istituzzjoni speċifika ma jkollhomx kopertura suffiċjenti, jistgħu jagħmlu użu mis-setgħat superviżorji tagħhom skont il-Pilastru 2.

Bl-għan li tiġi żgurata l-konsistenza fil-qafas prudenzjali, it-trattament tal-Pilastru 1 propost huwa bbażat fuq definizzjonijiet u kunċetti li diġà jintużaw għall-finijiet tar-rappurtar superviżorju. Il-kunċett ta' NPE introdott permezz ta' din l-emenda, bħall-kriterji relatati mat-tolleranza, huwa konsistenti ma' dak fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014<sup>11</sup>, li diġà jiġi applikat b'mod wiesa' għal finijiet ta' rappurtar superviżorju.

Fejn ikun neċessarju għal finijiet ta' konsistenza, emendi għad-dispożizzjonijiet rilevanti fis-CRR jiġu proposti wkoll.

---

<sup>10</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.

<sup>11</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Aktar minn ħames snin wara li l-Kapijiet ta' Stat u Gvernijiet Ewropej qablu li joħolqu Unjoni Bankarja, tnejn mill-pilastru tagħha – is-supervizzjoni u r-riżoluzzjoni uniċi – jinsabu fis-seħħ, u qed iserrħu fuq il-pedament solidu ta' ġabra unika ta' regoli għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE. Filwaqt li sar progress sinifikanti, jeħtieġ li jittieħdu aktar passi sabiex titlesta l-Unjoni Bankarja, inkluż il-ħolqien ta' skema ta' garanzija ta' depożitu unika, kif inhu stabbilit fil-Komunikazzjoni ta' Ottubru 2017 u fil-pjan direzzjonali ta' Diċembru 2017.

Apparti l-pakkett komprensiv ta' riformi propost mill-Kummissjoni f'Novembru 2016 ("Il-pakkett tar-riforma bankarja"); il-garanzija ta' kontinġenza prudenzjali proposta hija waħda mill-miżuri li jnaqqsu r-riskji, meħtieġa sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur bankarju, b'mod parallel mal-introduzzjoni gradwali tal-Iskema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (EDIS). Dawn il-miżuri għandhom l-għan li fl-istess ħin jiżguraw ġabra unika tar-regoli kontinwata għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE, kemm għal dawk li jinsabu fl-Unjoni Bankarja kif ukoll għal dawk li mhumiex fiha. L-għanijiet kumplessivi ta' din l-inizjattiva, kif deskritti hawn fuq, huma konsistenti u koerenti għalkollox mal-miri fundamentali tal-UE ta' promozzjoni tal-istabbiltà finanzjarja, ta' tnaqqis tal-probabbiltà u tal-firxa tal-appoġġ mill-kontribwenti f'każ li istituzzjoni tiġi riżoluta kif ukoll ta' kontribuzzjoni għal finanzjament armonjuż u sostenibbli tal-attività ekonomika, li twassal għal livell għoli ta' kompetittività u ta' protezzjoni tal-konsumatur.

## 2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għall-emendi proposti hija l-istess bħal dik tal-att leġiżlattiv li qed jiġi emendat, jiġifieri l-Artikolu 114 TFUE.

- **Is-sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-qafas prudenzjali tal-UE eżistenti ma jipprevedix it-trattament prudenzjali armonizzat fir-rigward tal-NPEs. Konsegwentement, il-kopertura tat-telf effettiva għall-NPEs tista' tvarja minn bank għal ieħor f'ġurisdizzjonijiet differenti, anki jekk dawn jippreżentaw l-istess riskju sottostanti. Dan jista' jillimita l-paragunabbiltà bejn il-pajjiżi tal-proporzjonijiet tal-kapital u jimmina l-affidabbiltà tagħhom. Banek li jkollhom l-istess profil ta' riskju u li jkollhom l-istess munita jaffaċċjaw kundizzjonijiet ta' finanzjament differenti skont fejn ikunu jinsabu fl-Unjoni. Dan joħloq frammentazzjoni finanzjarja addizzjonali li xxekkel wieħed mill-aktar benefiċċji importanti tas-suq intern, jiġifieri d-diversifikazzjoni u l-kondiviżjoni tar-riskji ekonomiċi b'mod transfruntiera.

Madankollu, l-Istati Membri għandhom biss kamp ta' applikazzjoni limitat sabiex jintroduċu rekwiżiti ta' proviżjonament applikabbli b'mod ġenerali u vinkolanti legalment. L-ispeċifikazzjoni tal-IFRSs, pereżempju, hija r-responsabbiltà tal-Bord tal-Istandards tal-Kontabbiltà Internazzjonali (IASB). Fir-rigward tat-trattament prudenzjali, ir-rekwiżiti minimi li huma applikabbli direttament għall-istituzzjonijiet (inkluż għall-NPEs, bħal tnaqqis minn fondi proprji) huma suġġetti għal armonizzazzjoni massima fis-suq intern kollu.

L-awtoritajiet kompetenti responsabbli mis-supervizzjoni tal-istituzzjonijiet fl-UE għandhom is-setgħa li jinfluwenzaw il-politika ta' proviżjonament tal-istituzzjonijiet u li jirrikjedu li jsiru aġġustamenti speċifiċi għall-kalkoli ta' fondi proprji fuq bażi ta' każ b'każ skont il-Pilastru 2 tal-qafas, b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni speċifika tal-istituzzjoni. Madankollu, ma jistgħux jimponu trattament (minimu) armonizzat fl-Istati Membri u l-istituzzjonijiet kollha, u lanqas



jistgħu jindirizzaw b'mod effettiv fuq bażi sistematika u mifruxa mal-UE n-nuqqas ta' proviżjonament potenzjali għall-NPEs.

L-għan tal-miżuri proposti huwa li jissupplimentaw il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE; Dan jista' jintlaħaq bl-aħjar mod fil-livell tal-UE, aktar milli permezz ta' miżuri nazzjonali jew superviżorji differenti. L-azzjoni leġiżlattiva fil-livell tal-UE se twassal għal trattament armonizzat li jirrikjedi lill-istituzzjonijiet kollha stabbiliti fl-UE li jkopru t-telf fuq skoperturi oriġinati reċentement li jsiru improduttivi f'livell minimu prudenzjali komuni. Garanzija ta' kontinġenza prudenzjali bħal din twaqqaf b'mod awtomatiku fl-UE kollha l-akkumulazzjoni ta' NPEs futuri b'kopertura insuffiċjenti ta' telf fuq is-self u, għaldaqstant, issaħħaħ is-solidità finanzjarja tal-banek u l-abbiltà li jsellfu. Azzjoni mifruxa mal-UE kollha se tnaqqas l-effetti konsegwenzjali potenzjali fl-Unjoni. Din tgħin ukoll sabiex issaħħaħ it-tnaqqis tar-riskju u tassigura kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern billi tqiegħed il-banek kollha fuq l-istess livell fir-rigward tat-trattament prudenzjali għall-NPEs, filwaqt li tnaqqas id-differenzi mhux neċessarji fil-prattiki tal-banek, tiffaċilita d-dixxiplina tas-swieq u tippromwovi l-fiduċja fis-suq.

- **Il-proporzjonalità**

Il-proporzjonalità kienet parti integrali mill-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta. Apparti li l-għażliet proposti kollha ġew ivvalutati individwalment fl-isfond tal-għan tal-proporzjonalità, in-nuqqas ta' proporzjonalità tar-regoli eżistenti ġie analizzat ukoll, bl-għan li jiġu minimizzati l-kostijiet amministrattivi u ta' konformità filwaqt li jiġi żgurat trattament komuni fl-Unjoni kollha.

Il-proposta tistabilixxi trattament armonizzat tal-NPEs għal finijiet prudenzjali, sabiex ikun żgurat li l-istituzzjonijiet kollha fl-UE jkollhom livell minimu ta' kopertura għar-riskji tagħhom relatati mal-NPEs. Ir-rekwiżiti ta' kopertura minimi applikabbli jqisu kemm skopertura tkun ilha kklassifikata bħala improduttiva, jiddifferenzjaw bejn NPEs mhux garantiti u garantiti kif ukoll bejn NPEs fejn id-debitur ikun tard b'aktar minn 90 jum wara d-data tal-għeluq u NPEs oħra. It-trattament propost huwa għalhekk paragunabbli mal-karatteristiki tar-riskju differenti li jista' jkollhom l-NPEs u, fl-istess waqt, jipprevedi approċċ relattivament sempliċi li jista' jiġi applikat faċilment b'mod ġenerali. L-aktar mezz proporzjonat sabiex ikunu assigurati kundizzjonijiet ekwi, titnaqqas il-kumplessità regolatorja u jiġu evitati kostijiet ta' konformità bla bżonn (b'mod partikolari attivitajiet transfruntiera), tingħata promozzjoni għall-integrazzjoni ulterjuri fis-suq tal-UE u jingħata kontribut biex jitneħħew l-opportunitajiet ta' arbitraġġ regolatorju huwa li jiġu emendati r-regoli tal-Unjoni eżistenti dwar ir-rekwiżiti ta' fondi proprji.

- **L-għażla tal-istrument**

Qed jiġi propost li l-miżuri jiġu implimentati billi jiġi emendat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013, minħabba li jirreferu għal dispożizzjonijiet eżistenti jew jiżviluppawhom f'dan ir-Regolament, partikolarment fir-rigward tal-kalkoli tal-fondi proprji.

### **3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni organizzat konsultazzjoni mmirata f'Novembru 2017 sabiex tivvaluta jekk kienx xieraq li tiġi introdotta garanzija ta' kontinġenza prudenzjali sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' proviżjonament għall-NPEs.

L-għan kien li jinġabru fehmiel ta' partijiet interessati privati u pubbliċi dwar il-fattibbiltà ta' garanzija ta' kontinġenza prudenzjali, id-disinn possibbli tagħha u l-konsegwenzi mhux intenzjonati possibbli. Il-kwistjoni kopriet it-tliet għażliet ta' politika analizzati fil-valutazzjoni tal-impatt li segwiet il-konsultazzjoni.

Il-konsultazzjoni kienet miftuħa għall-partijiet interessati kollha. Ħafna mit-tweġibiet waslu mingħand il-banek jew l-assoċjazzjonijiet tal-banek u xi ftit waslu mingħand is-superviżuri. B'kolloxx, daħlu 38 tweġiba: 29 minn partijiet ikkonċernati privati (inkluż individwu privat wieħed) u 9 minn partijiet ikkonċernati pubbliċi. Ħafna ġew mingħand risponenti fi Stati Membri bl-ogħla proporzjonijiet ta' NPEs.

Fir-rigward tad-disinn tal-garanzija ta' kontinġenza prudenzjali, ħafna mill-partijiet interessati ffavorixxew perkors progressiv ta' tnaqqis, bl-argument li din tirrikonoxxi aħjar l-irkupru bikri tas-self. Din hi l-għażla segwita fil-proposta. Xi wħud argumentaw favur distinzjoni bejn l-NPEs fejn id-debitur ikun għadu jħallas l-obbligi tiegħu u l-NPEs fejn id-debitur ikun insolventi. Dan ġie kkunsidrat fil-proposta.

L-Anness 2 tal-valutazzjoni tal-impatt jagħti sommarju tat-tweġibiet għall-konsultazzjoni.

- **Il-ġbir u l-użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni talbet il-kontribut tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), li rrispondiet f'perjodu ta' żmien limitat għal sejħa għal parir dwar l-impatt ta' garanzija ta' kontinġenza prudenzjali possibbli. L-istimi tal-EBA ġew inklużi fil-valutazzjoni tal-impatt.

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Il-valutazzjoni tal-impatt<sup>12</sup> ġiet diskussa mal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju u ġiet approvata mingħajr riżervi fis-17 ta' Jannar 2018<sup>13</sup>. Il-proposta hija akkumpanjata mill-valutazzjoni tal-impatt u tibqa' konsistenti magħha.

Il-valutazzjoni tal-impatt tiddekrivi x-xenarju bażi u tqabblu ma' tliet għażliet possibbli għall-introduzzjoni ta' garanzija ta' kontinġenza prudenzjali li tikkunsidra l-preżunzjonijiet rilevanti kollha. Ix-xenarju bażi jikkunsidra l-qagħda attwali fir-rigward tal-proviżjonament tal-NPEs, jiġifieri l-applikazzjoni ta' regoli ġodda f'konformità mal-IFRS 9 u s-setgħat superviżorji eżistenti tal-awtoritajiet kompetenti sabiex jiżdied il-proviżjonament għall-NPEs. Żewġ għażliet ġew iddisinjati bħala tnaqqis prudenzjali minn fondi proprji f'każ ta' proviżjonament insuffiċjenti, bl-użu ta' approċċ ta' tmiem il-perjodu jew perkors gradwali (li jista' jkun lineari jew progressiv). It-tielet għażla kienet iddisinjata bħala approċċ ta' telf impost għal NPEs garantiti, fejn it-tip speċifiku ta' protezzjoni tal-kreditu użat sabiex tiġi ggarantita l-NPE jiġi kkunsidrat fil-kalkolu tal-garanzija ta' kontinġenza. Wara l-analiżi tal-valutazzjoni tal-impatt, l-għażla preferuta hija approċċ ta' tnaqqis gradwali b'segwitu għal perkors progressiv. Meta mqabbel mal-approċċ ta' tmiem il-perjodu, dan jevita effett ta' preċipizju sinifikanti. Dan jippermetti wkoll lill-banek sabiex jinforza l-protezzjoni tal-kreditu jew li jirkupra s-self fl-ewwel ftit snin, meta mqabbel ma' perkors lineari ta' tnaqqis. Finalment, dan huwa meqjus bħala approċċ inqas kumpless u ta' piż operazzjonali inqas mill-għażla bbażata fuq l-approċċ ta' telf impost.

---

<sup>12</sup> Daħħal link għall-Valutazzjoni tal-Impatt.

<sup>13</sup> Daħħal link għall-opinjoni pożittiva.

Kif irriżulta mill-valutazzjoni tal-impatt, il-kostijiet li jistgħu jiġu mistennija mill-introduzzjoni ta' garanzija ta' kontinġenza prudenzjali għal nuqqas ta' proviżjonament tal-NPEs jistgħu jitqiesu bħala ġestibbli. Skont l-estimi tal-EBA, it-tnaqqis kumulattiv fil-proporzjon CET1 medjan tal-bank Ewropew minħabba l-introduzzjoni ta' garanzija ta' kontinġenza prudenzjali (simili għal dik prevista) jammonta għal madwar 138 punt bażi wara għoxrin sena. Madankollu, dan ir-riżultat xorta jirrappreżenta l-livell superjuri għall-impatt potenzjali tal-miżura proposta, minħabba li l-preżunzjonijiet sottostanti huma pjuttost konservattivi (ara l-valutazzjoni tal-impatt), u l-effetti ta' kalibrar inqas aggressiv applikabbli għal każijiet speċifiċi ta' NPEs li x'aktarx ikunu inadempjenti (unlikely-to-pay) mhumiex ikkunsidrati.

Ir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt ġie emendat kemxejn f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet fl-opinjoni tal-Bord ta' Skrutinju Regulatorju. L-introduzzjoni komuni għat-tliet rapporti dwar l-NPEs ġiet estiżta sabiex jiġu spjegati aħjar is-sinerġiji bejn it-tlieta. Ġustifikazzjonijiet addizzjonali tal-bżonn ta' azzjoni fil-livell tal-UE ġew inklużi u r-rapport inbidel sabiex jirrifletti aħjar l-impatt ta' miżuri eżistenti bħas-setgħat tal-IFRS 9 u l-Pilastru 2. Stimmi aġġornati tal-EBA ġew introdotti, flimkien ma' spjegazzjonijiet aktar żviluppati tar-riżultati u l-preżunzjonijiet użati. Finalment, it-tabelli ta' kwantifikazzjoni ġew aġġustati f'konformità mal-istimi aġġornati u sabiex tiġi msaħħa l-kwantifikazzjoni tal-impatti makroekonomiċi tal-għażla ppreferuta.

- **L-idoneità regulatorja u s-simplifikazzjoni**

Din l-inizjattiva tintroduċi għodda ġdida (rekwiżiti ta' kopertura minima għal telf imġarrab/mistenni fuq l-NPEs) li żżid mal-leġiżlazzjoni eżistenti billi tintroduċi trattament prudenzjali ġdid u tintegra d-definizzjonijiet eżistenti. Din ittejjeb l-effiċjenza tal-leġiżlazzjoni eżistenti billi tiżgura livell minimu standardizzat ta' regoli dwar il-kopertura fl-Unjoni kollha. Għandu jiġi nnutat li inizjattivi oħrajn kurrenti u passati relatati mal-NPEs ukoll se jkollhom impatt fuq il-livell tal-NPEs, u għalhekk huwa diffiċli li tiddetermina l-kisbiet ta' effiċjenza għal kull miżura individwali (għad-dettalji ara l-Anness 3 tal-valutazzjoni tal-impatt).

Permezz tat-tiżiħ tal-karti bilanċjali tal-banek b'ġestjoni aktar f'waqtha u effettiva tal-NPEs, garanzija ta' kontinġenza prudenzjali għal NPEs bi proviżjonati insuffiċjentement se tappoġġja provvista aktar stabbli ta' kreditu fil-futur. L-impatt pożittiv jenħtieġ li jkun ta' benefiċċju partikolari għall-SMEs, li huma aktar dipendenti fuq is-self mill-banek minn kumpaniji kbar.

- **Id-drittijiet fundamentali**

L-UE hija impenjata li tilħaq standards għoljin ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u hija firmatarja għal sett wiesa' ta' konvenzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem. F'dan il-kuntest, il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-libertà li wieħed ikollu negozju, id-dritt għall-proprjetà, id-dritt għal proċess ġust, il-protezzjoni tad-dejta personali u l-protezzjoni tal-konsumatur.

#### 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

## 5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Il-pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-ewalwazzjoni u r-rapportar**

Peress li din il-proposta se tintroduċi modifiki fil-kalkoli tal-fondi proprji stipulati fis-CRR, l-ewalwazzjoni tagħha se titwettaq bħala parti mill-monitoraġġ ta' dak ir-Regolament.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

### **Definizzjoni ta' NPE - Artikolu 47a propost:**

Għall-finijiet tal-garanzija ta' kontinġenza prudenzjali, definizzjoni ta' NPE tiddaħħal fis-CRR. Din id-definizzjoni hija bbażata fuq il-kunċett ta' NPE stabbilit mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014, li diġà jintuża b'mod wiesa' għall-finijiet ta' rapportar superviżorju. Din id-definizzjoni tinkludi, fost l-oħrajn, skoperturi inadempjenti kif iddefiniti għall-finijiet tar-rekwiżiti ta' kalkolu tal-fondi proprji għar-riskju tal-kreditu u skoperturi danneġġati skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli. Barra minn hekk, u f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014, l-emendi proposti jintroduċu kriterji stretti dwar il-kundizzjonijiet sabiex jitwaqqaf it-trattament ta' skopertura bħala improduttiva, kif ukoll dwar il-konsegwenzi regolatorji ta' rifinanzjament u azzjonijiet ta' tolleranza oħrajn.

### **Il-prinċipju ġenerali tal-garanzija ta' kontinġenza prudenzjali - l-Artikoli 36(1)(m) u 47 c proposti:**

Il-garanzija ta' kontinġenza prudenzjali tikkonsisti minn żewġ elementi: (i) rekwiżit għall-istituzzjonijiet li jkopru sa livelli minimi komuni t-telf imġarrab u mistenni fuq self oriġinat reċentement ladarba dan it-telf isir improduttiv (ir-“rekwiżit ta' kopertura minima”), u (ii) fejn ir-rekwiżit ta' kopertura minima ma jiġix issodisfat, tnaqqis tad-differenza bejn il-livell tal-kopertura proprja u l-kopertura minima minn entrati ta' CET1.

Ir-rekwiżit ta' kopertura minima jżied gradwalment skont għal kemm żmien kopertura tkun ġiet klassifikata bħala improduttiva. Iż-żieda annwali tar-rekwiżiti ta' kopertura minima hija aktar baxxa tul l-ewwel snin wara li skopertura tkun ġiet ikklassifikata bħala improduttiva. Din iż-żieda gradwali tirrifletti l-fatt li aktar ma skopertura tkun ilha li saret improduttiva, aktar tkun baxxa l-probabbiltà li jiġu rkuprati l-ammonti dovuti.

L-entrati li ġejjin ikunu eliġibbli għal konformità mar-rekwiżiti ta' kopertura minima:

a) proviżjonamenti rikonoxxuti skont il-qafas ta' kontabbiltà applikabbli (“aġġustamenti għar-riskji ta' kreditu”), jiġifieri l-ammont ta' proviżjonament speċifiku u ġenerali għat-telf fuq is-self għal riskji ta' kreditu li jkun ġie rikonoxxut fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-istituzzjoni;

b) aġġustamenti tal-valur addizzjonali għal assi b'valur ġust;

c) tnaqqis ieħor minn fondi proprji; pereżempju, l-istituzzjonijiet għandhom il-possibbiltà li japplikaw tnaqqis ogħla mill-fondi proprji tagħhom milli stipulat fir-regolament; u

d) għall-istituzzjonijiet li jikkalkolaw assi peżati skont ir-riskju (RWAs) bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq klassifikazzjonijiet interni (IRB), in-nuqqas ta' telf regolatorju mistenni li diġà jitnaqqas mill-fondi proprji.

Huwa biss fejn it-total tal-ammonti elenkati taħt a) sa d) ma jkunx biżżejjed sabiex jintlaħaq ir-rekwiżiti ta' kopertura minima applikabbli, li tapplika l-garanzija ta' kontinġenza prudenzjali. It-tnaqqis jiżgura li r-riskji assoċjati mal-NPEs jiġu riflessi kif xieraq fil-proporzjonijiet ta' kapital CET1 tal-istituzzjonijiet b'mod jew ieħor.

### **Id-distinzjoni bejn NPEs garantiti u mhux garantiti - l-Artikolu 47c(2) u (3):**

Japplikaw rekwiżiti ta' kopertura differenti skont il-klassifikazzjoni tal-NPEs bħala "mhux garantiti" jew "garantiti". L-NPEs jew parti mill-NPEs koperti minn protezzjoni ta' kreditu eliġibbli kif iddeterminat fis-CRR jitqiesu bħala *garantiti*. Min-naħa l-oħra, l-NPEs jew parti mill-NPEs li mhumiex koperti minn protezzjoni ta' kreditu eliġibbli jiġu kategorizzati bħala *mhux garantiti*. Self kopert mill-kollateral parzjalment biss jiġi kkunsidrat bħala garantiti għall-parti koperta, u mhux garantiti għall-parti mhux koperta mill-kollateral.

Fil-prinċipju, skoperturi ta' kreditu improduttivi mhux garantiti u skoperturi ta' kreditu produttivi garantiti minn kollateral jistgħu jiġu trattati bl-istess mod. Madankollu, iż-żewġ tipi ta' skoperturi għandhom karatteristiċi differenti f'termini ta' riskju. NPEs garantiti huma, b'mod ġenerali, inqas riskjużi għal istituzzjoni minn NPEs mhux garantiti minħabba li l-protezzjoni tal-kreditu li tiggarrantixxi s-self tagħti lis-sellief pretensjoni speċifika fuq ass jew kontra parti terza mingħajr ma tnaqqas il-pretensjoni ġenerali tiegħu/tagħha kontra min jissellef. Min-naħa l-oħra, istituzzjoni tipikament ma jkollhiex rikors vijabbli ieħor f'każ li self mhux garantiti isir improduttiv ħlief li tittollerah. Ir-rati ta' rkupru fuq medja huma b'mod sinifikanti ogħla għall-NPEs garantiti milli għal dawk mhux garantiti. Madankollu, ikun jinħtieġ xi żmien addizzjonali biex tiġi infurzata l-protezzjoni ta' kreditu u, fejn ikun applikabbli, jiġi rrealizzat il-kollateral. NPEs mhux garantiti jenħtieġ għaldaqstant li jirrikjedu kopertura minima għat-telf ogħla u aktar f'ħinha mill-bank kreditur milli mill-NPEs garantiti. Madankollu, wara ċertu numru ta' snin mingħajr infurzar b'suċċess (jiġifieri l-kollateral/il-garanzija ma setax/setgħetx j/tiġi rrealizzata/a), il-protezzjoni ta' kreditu ma għandhiex tibqa' titqies bħala effettiva. F'każ bħal dan, il-kopertura sħiħa tal-ammont ta' skoperturi ta' NPEs garantiti hija wkoll meqjusa neċessarja. Ir-riżoluzzjoni f'waqtha tal-NPEs garantiti jenħtieġ li, aktar ma jsir avvanz, tiġi ffaċilitata minn sforzi kontinwi f'diversi Stati Membri biex jirrifirmaw is-sistemi ta' insolvenza u billi jintużaw proċeduri extraġudizzjarji mħaffa ta' eżekuzzjoni għall-kollateral, li huma previsti fil-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar il-ġesturi tal-kreditu, ix-xiri tal-kreditu u l-eżekuzzjoni tal-kollateral adottata fl-istess jum bħal din il-proposta. Il-banek li jużaw proċeduri extraġudizzjarji ta' eżekuzzjoni jkollhom ħabta li jirristrukturaw, jirkupraw jew jiddisponu mill-NPEs tagħhom aktar kmieni u b'rata ogħla. Dawn jintlaqtu anqas mill-ħtieġa li jżidu l-kopertura għat-telf tagħhom għall-NPEs.

### **Id-distinzjoni bejn NPEs fejn id-debitur ikun tard b'aktar minn 90 jum wara d-data tal-għeluq u NPEs oħra - l-Artikolu 47c(2) u (3):**

Id-definizzjoni ta' NPE tinkludi każijiet fejn id-debitur huwa kkunsidrat li x'aktarx mhux se jħallas għalkemm fil-fatt ikun qed iħallas il-ħlasijiet parzjali tiegħu. Minħabba li l-istituzzjoni xorta tirċievi l-pagament sħiħ mingħand id-debitur mingħajr dewmien eċċessiv, ir-riskju tal-kreditu b'mod ġenerali huwa mistenni li jkun aktar baxx milli għall-iskoperturi fejn id-debitur ikun tard aktar minn 90 jum wara d-data tal-għeluq, u huwa ġġustifikat li jiġi applikat kalendarju anqas strett f'każijiet bħal dawn. B'mod konkret, l-NPEs għalhekk għandhom jiġu koperti sa 80 % tal-valur tal-iskoperturi wara l-perjodu ta' żmien definit (jiġifieri wara sentejn għall-NPEs mhux garantiti u wara tmien snin għal dawk garantiti). Bil-maqlub ta' dan, f'każijiet fejn id-debitur ikun tard aktar minn 90 jum wara d-data tal-għeluq fir-rigward ta' kwalunkwe obligazzjoni ta' kreditu materjali lejn l-istituzzjoni, livell ta' kopertura sħiħa għandu jkun meħtieġ wara l-perjodu ta' żmien definit.

### **Id-deroga għal self passat - l-Artikolu 469a**

Il-garanzija ta' kontinġenza prudenzjali tapplika biss għal skoperturi li oriġinaw wara l-14 ta' Marzu 2018, minħabba li minn dik id-data hemm biżżejjed ċarezza dwar kif se tapplika r-regola l-ġdida. Sabiex tiġi evitata l-evazzjoni ta' din id-deroga, l-iskoperturi oriġinati qabel l-adozzjoni tal-proposta iżda li jiġu emendati wara mill-istituzzjoni b'tali mod li jżid il-valur tal-iskoperturi tagħha għandhom jiġu trattati bħala skoperturi oriġinati reċentement. B'kuntrast għal dan, l-iskoperturi oriġinati qabel id-data tal-adozzjoni ta' din il-proposta għandhom jiġu trattati skont ir-regoli fis-seħħ fid-data, anki jekk dawn jiġu rfinanzjati jew suġġetti għal miżuri ta' tolleranza oħrajn.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-emendar tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-kopertura minima għat-telf għal skoperturi improduttivi**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew<sup>14</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>15</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Li tkun stabbilita strateġija komprensiva sabiex tiġi indirizzata din il-kwistjoni ta' skoperturi improduttivi (NPEs) hija ta' prijorità għall-Unjoni. Filwaqt li l-indirizzar tal-NPEs huwa primarjament responsabbiltà tal-banek u tal-Istati Membri, teżisti wkoll dimensjoni tal-Unjoni ċara sabiex jitnaqqsu l-istokkijiet kurrenti ta' NPEs, kif ukoll biex tiġi prevenuta l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' NPEs fil-futur. Minħabba r-rabta bejn is-sistemi bankarji u finanzjarji fl-Unjoni fejn il-banek joperaw f'diversi ġurisdizzjonijiet u Stati Membri, jeżisti potenzjal sinifikanti ta' effetti konsegwenzjali għall-Istati Membri u l-Unjoni b'mod ġenerali, kemm f'termini ta' tkabbir ekonomiku kif ukoll f'termini ta' stabbiltà finanzjarja.
- (2) Sistema finanzjarja integrata se ttejjeb ir-reżiljenza tal-Unjoni Monetarja Ewropea għal xokkijiet negattivi billi tiffaċilita l-kondiviżjoni privata tar-riskju transfruntiera, filwaqt li fl-istess ħin tnaqqas il-bżonn ta' kondiviżjoni pubblika tar-riskju. Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, jenħtieġ li l-Unjoni tlesti l-Unjoni Bankarja u tkompli tiżviluppa Unjoni tas-Swieq Kapitali. L-indirizzar ta' stokkijiet kbar ta' NPEs u l-akkumulazzjoni futura possibbli tagħhom huwa essenzjali għat-tlestija tal-Unjoni Bankarja minħabba li hija essenzjali sabiex tiġi żgurata l-kompetizzjoni fis-settur bankarju, tiġi preżervata l-istabbiltà finanzjarja u jitħeġġeġ is-self sabiex jinħoloq ix-xogħol u t-tkabbir fl-Unjoni.

---

<sup>14</sup> ĠU C [...], [...], p.[...].

<sup>15</sup> ĠU C, , p. .

- (3) F'Lulju 2017, fil-“Pjan ta’ Azzjoni biex jiġi Indirizzat is-Self Improduttiv” tiegħu, il-Kunsill appella lil diversi istituzzjonijiet sabiex jieħdu miżuri xierqa sabiex ikomplu jindirizzaw in-numru għoli ta’ NPEs fl-Unjoni. Il-Pjan ta’ Azzjoni jistabbilixxi approċċ komprensiv li jiffoka fuq taħlita ta’ azzjonijiet politiċi kumplimentari f’erba’ oqsma: (i) is-superviżjoni u r-regolamentazzjoni bankarja; (ii) ir-riforma tal-oqfsa ta’ ristrutturar, insolvenza u rkupru tad-dejn; (iii) l-iżvilupp ta’ swieq sekondarji għal assi f’diffikultà; (iv) it-trawwim tar-ristrutturar tas-sistema bankarja. L-azzjonijiet f’dawn l-oqsma għandhom jittieħdu fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni, fejn ikun xieraq. Il-Kummissjoni ħabbret intenzjoni simili fil-“Komunikazzjoni dwar it-tlestija tal-Unjoni Bankarja” tagħha tal-11 ta’ Ottubru 2017<sup>16</sup>, li sejħet għal pakkett komprensiv dwar it-trattament tal-NPLs fl-Unjoni.
- (4) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013<sup>17</sup>, flimkien mad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013<sup>18</sup>, jiffirma l-qafas ġuridiku li jirregola r-regoli prudenzjali għall-istituzzjonijiet. Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 jinkludi, fost l-oħrajn, dispożizzjonijiet direttament applikabbli għall-istituzzjonijiet sabiex jiddeterminaw il-fondi proprji tagħhom. Huwa għalhekk neċessarju li r-regoli prudenzjali eżistenti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 relatati mal-fondi proprji jiġu kkumplimentati minn dispożizzjonijiet li jirrikjedu tnaqqis mill-fondi proprji fejn l-NPEs ma jkollhomx kopertura suffiċjenti permezz ta’ dispożizzjonijiet jew aġġustamenti oħrajn. Dan jammonta għall-ħolqien effettiv ta’ garanzija ta’ kontinġenza prudenzjali għall-NPEs li se tapplika b’mod uniformi għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni kollha.
- (5) Jenħtieġ li din il-garanzija ta’ kontinġenza prudenzjali ma twaqqafx lill-awtoritajiet kompetenti milli jeżerċitaw is-setgħat superviżorji tagħhom f’konformità mad-Direttiva 2013/36/UE. Fejn l-awtoritajiet kompetenti jiżguraw fuq bażi ta’ każ b’każ li, minkejja l-applikazzjoni tal-garanzija ta’ kontinġenza prudenzjali għall-NPEs stabbilita f’dan ir-Regolament, l-NPEs ta’ istituzzjoni speċifika ma jkollhomx kopertura suffiċjenti, huma jistgħu jagħmlu użu mis-setgħat superviżorji previsti fid-Direttiva 2013/36/UE, inkluża s-setgħa elenkata fl-Artikolu 104(1)(d) ta’ dik id-Direttiva.
- (6) Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-garanzija ta’ kontinġenza, huwa xieraq li fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiġi introdott sett ċar ta’ kundizzjonijiet għall-klassifikazzjoni tal-NPEs. Peress li r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 diġà jistipula kriterji li jikkonċernaw l-NPEs għall-finijiet tar-rappurtar superviżorju, huwa xieraq li l-klassifikazzjoni tal-NPEs tkun imsejsa fuq dak il-qafas eżistenti. Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 jirreferi għall-iskoperturi inadempjenti bħala definiti għall-finijiet tar-rekwiżiti ta’ kalkolu tal-fondi proprji għar-riskju tal-kreditu u

<sup>16</sup> COM(2017) 592 final, 11.10.2017.

<sup>17</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.

<sup>18</sup> Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013, ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1.



skoperturi danneġġati skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli. Minħabba li l-miżuri ta' tolleranza jistgħu jinfluwenzaw jekk skopertura tiġix klassifikata bħala improduttiva, il-kriterji ta' klassifikazzjoni huma kkumplimentati minn kriterji ċari dwar l-impatt tal-miżuri ta' tolleranza. Il-miżuri ta' tolleranza jista' jkollhom ġustifikazzjonijiet u konsegwenzi differenti, u għalhekk huwa xieraq li jiġi previst li miżura ta' tolleranza mogħtija lil skopertura improduttiva jenħtieġ li ma twaqqafx il-klassifikazzjoni ta' dik l-iskopertura bħala waħda improduttiva sakemm ma jintlaħqux ċerti kriterji ta' waqfien stretti.

- (7) Aktar ma skopertura tkun ilha improduttiva, aktar tonqos il-probabbiltà tal-irkupru tal-valur tagħha. Għaldaqstant, il-porzjon tal-iskopertura li jenħtieġ li jkun kopert mill-proviżjonamenti, aġġustamenti oħrajn jew tnaqqis jenħtieġ li jiżzied maż-żmien, b'segwitu ta' kalendarju predefinit.
- (8) L-NPEs garantiti ġeneralment ikunu anqas riskjużi minn NPEs mhux garantiti, minħabba li l-protezzjoni tal-kreditu li tiggarrantixxi s-self tagħti lill-istituzzjoni pretensjoni speċifika fuq l-assi jew kontra parti terza flimkien mal-pretensjoni ġenerali tal-istituzzjoni kontra l-persuna inadempjenti li tissellef. Fil-każ ta' self mhux garantit, tkun disponibbli biss il-pretensjoni ġenerali kontra l-persuna inadempjenti li tissellef. Minħabba r-riskju oġġla tas-self mhux garantit, jenħtieġ li jiġi applikat kalendarju aktar strett. Skopertura li tkun biss koperta parzjalment minn kollateral jenħtieġ li tkun ikkunsidrata bħala garantita għall-parti koperta, u bħala mhux garantita għall-parti li ma tkunx koperta mill-kollateral.
- (9) Kalendarju differenti jenħtieġ li jiġi applikat skont jekk l-iskopertura tkunx improduttiva minħabba li d-debitur ikun aktar tard minn 90 jum wara l-għeluq jew għal raġunijiet oħrajn. Fl-ewwel każ, ir-reqwizit ta' kopertura minima jenħtieġ li jkun oġġla minħabba li l-istituzzjoni ma tkunx irċeviet pagament mingħand id-debitur fuq perjodu twil. Fit-tieni każ, jenħtieġ li ma jkunx hemm reqwizit ta' kopertura sħiħa minħabba li xorta jkun hemm xi forma ta' ripagament jew probabbiltà oġġla ta' ripagament.
- (10) Meta skopertura tkun ikklassifikata bħala improduttiva għal raġunijiet differenti minn skadenza ta' aktar minn 90 jum u sussegwentement issir skaduta b'aktar minn 90 jum, jenħtieġ li tiġi soġġetta għal kalendarju aktar strett applikabbli għall-NPEs skaduti b'aktar minn 90 jum. Il-kalendarju l-ġdid jenħtieġ li ma jkunx retroattiv u jenħtieġ li japplika minn dak inhar meta l-iskopertura tiskadi b'aktar minn 90 jum. Madankollu, il-fattur li għandu jiġi applikat jenħtieġ li jkun dak li kieku kien jiġi applikat kieku l-iskopertura, mill-bidu, ġiet ikklassifikata bħala NPE minħabba li kienet skaduta b'aktar minn 90 jum.
- (11) Sabiex jiġi żgurat li l-valutazzjoni tal-protezzjoni tal-kreditu tal-NPEs tal-istituzzjonijiet issegwi approċċ prudenti, jenħtieġ li l-EBA tikkunsidra l-bżonn ta' u, jekk ikun hemm bżonn, tiżviluppa metodoloġija komuni partikolarment fir-rigward ta' preżunzjonijiet li jirrigwardaw l-irkuprabbiltà u l-infurzabbiltà, u possibbilment tinkludi reqwiziti minimi għal valutazzjoni mill-ġdid f'termini ta' żmien.
- (12) Sabiex tiġi ffaċilitata tranżizzjoni bla intoppi lejn din il-garanzija ta' kontinġenza prudenzjali ġdida, ir-regoli l-ġodda jenħtieġ li ma japplikawx b'rabta mal-iskoperturi oriġinati qabel l-14 ta' Marzu 2018. Il-Kummissjoni ħarġet ripetutament fil-pubbliku l-intenzjoni tagħha li tintroduċi garanzija ta' kontinġenza prudenzjali għall-NPEs. Mid-data tal-proposta leġislattiva jenħtieġ li jkun hemm biżżejjed ċarezza għall-istituzzjonijiet u partijiet interessati oħra dwar kif il-garanzija ta' kontinġenza prevista mill-Kummissjoni se tapplika.

(13) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiġi emendat skont dan,  
ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

*Emendi għar-Regolament (UE) Nru 575/2013*

- (1) fl-Artikolu 36 jiżdied il-punt (m) li ġejj:
- “(m) l-ammont applikabbli għal kopertura insuffiċjenti għal skoperturi improduttivi.”;
- (2) jiddaħħlu l-Artikoli 47a, 47b u 47c li ġejjin:

*“Artikolu 47a*

*Skoperturi improduttivi*

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 36(1)(m), ‘skopertura’ għandha tinkludi kwalunkwe waħda mill-entrati li ġejjin, sakemm dawn ma jkunux inklużi fil-portafoll tan-negozjar tal-istituzzjoni:
- (a) strument ta’ dejn, inklużi garanzija ta’ dejn, self, avvanz, bilanċ ta’ flus f’bank ċentrali u kwalunkwe depożitu ta’ domanda ieħor;
  - (b) impenn ta’ dejn mogħti, garanzija finanzjarja mogħtija jew kwalunkwe impenn ieħor mogħti, irrispettivament minn jekk ikunx revokabbli jew irrevokabbli.
2. Għall-finijiet tal-Artikolu 36(1)(m), il-valur tal-iskoperturi ta’ strument ta’ dejn għandu jkun il-valur ta’ kontabbiltà tiegħu mkejjeġ mingħajr kunsiderazzjoni għal xi aġġustament speċifiku għar-riskju tal-kreditu, aġġustament ta’ valur addizzjonali f’konformità mal-Artikoli 34 u 105, ammonti mnaqqsin f’konformità mal-Artikolu 36(1)(m) jew tnaqqis ieħor minn fondi proprji relatati mal-iskopertura.
- Għall-finijiet tal-Artikolu 36(1)(m), il-valur tal-iskoperturi ta’ impenn ta’ self mogħti, garanzija finanzjarja mogħtija jew impenji oħrajn mogħtijin għandhom ikunu l-valur nominali tagħhom, li għandhom jirrappreżentaw l-iskoperturi massimi ta’ istituzzjoni għar-riskju tal-kreditu mingħajr kunsiderazzjoni ta’ kwalunkwe protezzjoni tal-kreditu ffinanzjata jew mhux iffinanzjata. B’mod partikolari,
- (a) il-valur nominali ta’ garanziji finali mogħtijin għandu jkun l-ammont massimu li l-entità jista’ jkun li jkollha tħallas jekk il-garanzija tiġi eżerċitata;
  - (b) il-valur nominali tal-impenji tas-self għandu jkun l-ammont mhux prelevat li l-istituzzjoni ħadet l-impenn li ssellef.
- Il-valur nominali msemmi fit-tieni subparagrafu ma għandux iqis xi aġġustament speċifiku għar-riskju tal-kreditu, aġġustament ta’ valur addizzjonali f’konformità mal-Artikoli 34 u 105, ammont mnaqqas f’konformità mal-Artikolu 36(1)(m) jew tnaqqis ieħor minn fondi proprji marbutin mal-iskopertura.
3. Għall-finijiet tal-Artikolu 36(1)(m), l-iskoperturi li ġejjin għandhom jiġu klassifikati bħala improduttivi:
- (a) skopertura li fir-rigward tagħha huwa meqjus li seħħet inadempjenza skont l-Artikolu 178;
  - (b) skopertura meqjusa danneġġgata f’konformità mal-qafas ta’ kontabbiltà applikabbli;

- (c) skopertura taħt prova skont il-paragrafu 7, fejn jingħataw miżuri ta' tolleranza addizzjonali jew fejn tiskadi b'aktar minn 30 jum;
- (d) skopertura f'forma ta' impenn li, kieku nġibdet jew intużat b'mod ieħor, kienet tippreżenta riskju li ma titħallasx lura għalkollox mingħajr ir-realizzazzjoni tal-kollateral;
- (e) skopertura f'forma ta' garanzija finanzjarja li tkun f'riskju li tissejjaħ mill-parti garantita, inkluż fejn l-iskopertura garantita sottostanti tissodisfa l-kriterji sabiex titqies bħala improduttiva.

Għall-finijiet tal-punt (a), fejn istituzzjoni jkollha skoperturi fuq il-karta bilanċjali lil debitur li jkunu skaduti b'aktar minn 90 jum mill-għeluq u li jirrappreżentaw aktar minn 20 % tal-iskoperturi kollha fuq il-karta bilanċjali lil dak id-debitur, l-iskoperturi kollha kemm ta' fuq il-karta bilanċjali kif ukoll dawk barra l-karta bilanċjali għandhom jitqiesu skaduti b'aktar minn 90 jum.

4. L-iskoperturi li ma jkunux ġew soġġetti għal miżura ta' tolleranza ma għandhomx jibqgħu jiġu kklassifikati bħala improduttivi għall-finijiet tal-Artikolu 36(1)(m), fil-każijiet li fihom il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin jiġu ssodisfati:
  - (a) l-iskopertura tissodisfa l-kriterji ta' ħruġ applikati mill-istituzzjoni sabiex ma tibqax tiġi klassifikata bħala danneġġata skont il-qafas ta' kontabbiltà applikabbli u sabiex ma tibqax tiġi klassifikata bħala inadempjenti skont l-Artikolu 178;
  - (b) is-sitwazzjoni tal-kreditur tkun tjejbiet sal-punt li dik l-istituzzjoni tkun issodisfata li ripagament sħiħ u fil-ħin huwa probabbli li jsir;
  - (c) id-debitur ma jkollu l-ebda ammont skadut b'aktar minn 90 jum.
5. Il-klassifikazzjoni ta' skopertura improduttiva bħala assi mhux kurrenti miżmuma għall-bejgħ skont il-qafas ta' kontabbiltà applikabbli ma għandhiex twaqqafx il-klassifikazzjoni tagħha bħala skopertura improduttiva għall-finijiet tal-Artikolu 36(1)(m).
6. L-iskoperturi improduttivi li jiġu soġġetti għal miżuri ta' tolleranza ma għandhomx ikompli jiġu kklassifikati bħala improduttivi għall-finijiet tal-Artikolu 36(1)(m), fejn il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin jiġu ssodisfati:
  - (a) l-iskoperturi ma jkunux għadhom f'sitwazzjoni li twassal għall-klassifikazzjoni tagħhom bħala improduttivi skont il-paragrafu 3;
  - (b) tkun għaddiet tal-anqas sena bejn il-mument li fih il-miżuri ta' tolleranza jkunu ngħataw u bejn il-mument li fih l-iskoperturi jkunu ġew ikklassifikati bħala improduttivi;
  - (c) ma jkunx hemm ammont skadut wara l-miżuri ta' tolleranza jew l-istituzzjoni, abbażi tal-analiżi tas-sitwazzjoni finanzjarja tad-debitur, tkun sodisfatta bil-probabbiltà ta' ripagament tal-iskopertura sħiħ u fil-ħin.

Għall-finijiet tal-punt (c), ripagament sħiħ u fil-ħin jista' jitqies probabbli meta d-debitur ikun effettwa pagamenti regolari u fil-ħin ta' ammonti ekwivalenti għal wieħed minn dawn li ġejjin:

- (i) l-ammont li skada qabel ma ngħatat il-miżura ta' tolleranza, fejn kien hemm ammonti skaduti;

- (ii) l-ammont ġie mħassar skont il-miżuri ta' tolleranza, fejn ma kienx hemm ammonti skaduti.
7. Fejn skopertura improduttiva ma tibqax tiġi klassifikata bħala improduttiva skont il-paragrafu 6, it-tali skopertura għandha tkun taħt prova dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
- (a) ikunu għaddew tal-anqas sentejn mid-data li fiha l-kopertura tollerata tkun ġiet ikklassifikata mill-ġdid bħala produttiva;
  - (b) ikunu saru pagamenti regolari u fil-ħin matul, tal-anqas, nofs il-perjodu li fih l-iskopertura tkun taħt prova, li jwasslu għall-pagament ta' ammont ta' aggregat sostanzjali ta' kapital jew interess;
  - (c) l-ebda waħda mill-iskoperturi għad-debitur ma tkun skadjet b'aktar minn 30 jum.

*Artikolu 47b*  
*Miżuri ta' tolleranza*

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 47a, "miżura ta' tolleranza" għandha tinkludi konċessjoni minn istituzzjoni lejn id-debitur li jkun qed jesperjenza jew x'aktarx li jesperjenza deterjorament fis-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu Konċessjoni tista' tinvolvi telf għas-sellief u għandha tirreferi għal waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:
- (a) modifika tat-termini u l-kundizzjonijiet ta' obbligu ta' dejn, fejn modifika bħal din ma tkunx ingħatat li kieku s-sitwazzjoni finanzjarja tad-debitur ma ddeterjoratx;
  - (b) rifinanzjament totali jew parzjali ta' obbligu ta' dejn, fejn rifinanzjament bħal dan ma kienx jingħata li kieku s-sitwazzjoni finanzjarja tad-debitur ma ddeterjoratx.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, tal-anqas dawn is-sitwazzjonijiet li ġejjin għandhom jitqiesu bħala miżuri ta' tolleranza:
- (a) termini ta' kuntratt ġodda li huma aktar favorevoli għad-debitur mit-termini ta' kuntratt ta' qabel;
  - (b) termini ta' kuntratt ġodda li huma aktar favorevoli mit-termini ta' kuntratt offruti mill-istess istituzzjoni lil debituri bi profil ta' riskju simili f'dak iż-żmien;
  - (c) l-iskopertura taħt it-termini ta' kuntratt inizjali tkun ġiet ikklassifikata bħala improduttiva qabel il-modifika għat-termini ta' kuntratt jew kieku kienet tiġi kklassifikata bħala improduttiva fin-nuqqas ta' modifika fit-termini ta' kuntratt;
  - (d) il-miżura tirriżulta fi tħassir totali jew parzjali tal-obbligu tad-dejn;
  - (e) l-istituzzjoni tapprova l-eżerċitar ta' klawżoli li jippermettu lid-debitur li jimmodifika t-termini ta' kuntratt u l-iskopertura kienet ikklassifikata bħala improduttiva qabel l-eżerċitar ta' dawk il-klawżoli, jew kieku kienet tiġi kklassifikata bħala improduttiva li kieku dawk il-klawżoli ma ġewx eżerċitati;
  - (f) meta jew qrib iż-żmien meta ngħata d-dejn, id-debitur ikun għamel pagamenti ta' kapital jew interess fuq obbligu ta' dejn ieħor mal-istess istituzzjoni, li kien klassifikat bħala skopertura improduttiva jew seta' ġie kklassifikat bħala improduttiv fin-nuqqas ta' dawk il-pagamenti;

- (g) il-modifika għat-termini tal-kuntratt tinvolvi ripagamenti magħmulin permezz tat-teħid f'pussess tal-kollateral, meta modifika bħal din tikkostitwixxi konċessjoni.
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, iċ-ċirkostanzi li ġejjin huma indikaturi li miżuri ta' tolleranza setgħu ġew adottati:
- (a) il-kuntratt inizjali kien skadut b'aktar minn 30 jum mill-inqas darba matul it-tliet xhur qabel ma jkun ġie mmodifikat jew ikun aktar minn 30 jum skadut mingħajr modifika;
  - (b) fiż-żmien jew qrib iż-żmien tal-konklużjoni tal-ftehim dwar il-kreditu, id-debitur ikun għamel pagament ta' kapital jew ta' imgħax fuq obbligazzjoni ta' dejn oħra mal-istess istituzzjoni li kien inqabeż bi 30 jum tal-anqas darba matul it-tliet xhur ta' qabel l-għoti ta' dejn ġdid;
  - (c) l-istituzzjoni tapprova l-eżerċizzju ta' klawżoli li jippermettu lid-debitur li jbidel it-termini tal-kuntratt, u l-iskopertura tkun skaduta bi 30 jum jew kienet tiskadi bi 30 jum li kieku daww il-klawżoli ma ġewx eżerċitati.
4. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, id-deterjorament tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' debitur għandu jiġi vvalutat fil-livell tad-debitur, b'kunsiderazzjoni tal-entitajiet legali kollha fil-grupp tad-debitur li huma fi ħdan il-perimetru tal-konsolidazzjoni tal-kontabbiltà tal-grupp u persuni fiżiċi li jikkontrollaw il-grupp.

#### *Artikolu 47c*

##### *Tnaqqis tal-iskoperturi improduttivi*

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 36(1)(m), l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont applikabbli ta' kopertura insuffiċjenti ta' skoperturi improduttivi li għandu jitnaqqas minn entrati tal-Grad 1 ta' Ekwiżità Komuni billi jitnaqqas l-ammont determinat fil-punt (b) mill-ammont determinat fil-punt (a).
- (a) it-total ta':
    - (i) il-parti mhux garantita ta' kull skopertura improduttiva, jekk ikun il-każ, immultiplikata bil-fattur applikabbli msemmi fil-paragrafu 2;
    - (ii) il-parti garantita ta' kull skopertura improduttiva, jekk ikun il-każ, immultiplikata bil-fattur applikabbli msemmi fil-paragrafu 3;
  - (b) it-total tal-entrati li ġejjin sakemm dawn ikunu relatati ma' skopertura improduttiva speċifika:
    - (i) aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu;
    - (ii) aġġustamenti tal-valur addizzjonali skont l-Artikoli 34 u 105;
    - (iii) tnaqqis ieħor minn fondi proprji;
    - (iv) għall-istituzzjonijiet li jikkalkolaw ammonti ta' skoperturi peżati skont ir-riskju bl-użu tal-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Interni, il-valur assolut tal-ammonti mnaqqsin skont il-punt (d) tal-Artikolu 36(1) li jirrelataw ma' skoperturi improduttivi, fejn il-valur assolut li jista' jiġi attribwit għal kull skopertura improduttiva jiġi ddeterminat permezz tal-multiplikazzjoni tal-ammonti mnaqqsin skont il-punt (d) tal-Artikolu 36(1) bil-kontribuzzjoni tal-ammont ta' telf mistenni għall-

iskopertura improduttiva għall-ammonti totali ta' telf mistenni għal skoperturi inadempjenti u mhux inadempjenti, kif ikun applikabbli.

Il-parti garantita ta' skopertura improduttiva ta' skopertura bħal din li hija koperta minn protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu jew protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu skont il-Kapitoli 3 u 4 tat-Titolu II.

Il-parti mhux garantita ta' skopertura improduttiva tikkorrispondi għad-differenza, jekk ikun hemm, bejn il-valur tal-iskopertura kif stipulat fl-Artikolu 47a(1) u l-parti garantita tal-iskopertura, jekk ikun hemm.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(a)(i), għandhom japplikaw il-fatturi li ġejjin:
  - (a) 0,35 għall-parti mhux garantita ta' skopertura improduttiva li għandu jiġi applikat tul il-perjodu bejn sena u sentejn wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva, fejn id-debitur ikun tard b'aktar minn 90 jum;
  - (b) 0,28 għall-parti mhux garantita ta' skopertura improduttiva li għandu jiġi applikat tul il-perjodu bejn sena u sentejn wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva, fejn id-debitur ma jkunx tard aktar minn 90 jum;
  - (c) 1 għall-parti mhux garantita ta' skopertura improduttiva li għandu jiġi applikat mill-ewwel jum tat-tieni sena wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva, fejn id-debitur ikun tard b'aktar minn 90 jum;
  - (d) 0,8 għall-parti mhux garantita ta' skopertura improduttiva li għandu jiġi applikat mill-ewwel jum tat-tieni sena wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva, fejn id-debitur ma jkunx tard aktar minn 90 jum;
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 (a)(ii), għandhom japplikaw il-fatturi li ġejjin:
  - (a) 0,05 għall-parti garantita ta' skopertura improduttiva li għandu jiġi applikat tul il-perjodu bejn sena u sentejn wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva, fejn id-debitur ikun tard b'aktar minn 90 jum;
  - (b) 0,04 għall-parti garantita ta' skopertura improduttiva li għandu jiġi applikat tul il-perjodu bejn sena u sentejn wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva, fejn id-debitur ma jkunx tard aktar minn 90 jum;
  - (c) 0,1 għall-parti garantita ta' skopertura improduttiva li għandu jiġi applikat tul il-perjodu bejn sentejn u tliet snin wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva, fejn id-debitur ikun tard b'aktar minn 90 jum;
  - (d) 0,08 għall-parti garantita ta' skopertura improduttiva li għandu jiġi applikat tul il-perjodu bejn sentejn u tliet snin wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva, fejn id-debitur ma jkunx tard aktar minn 90 jum;
  - (e) 0,175 għall-parti garantita ta' skopertura improduttiva li għandu jiġi applikat tul il-perjodu bejn tliet snin u erba' snin wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva, fejn id-debitur ikun tard b'aktar minn 90 jum;
  - (f) 0,14 għall-parti garantita ta' skopertura improduttiva li għandu jiġi applikat tul il-perjodu bejn tliet snin u erba' snin wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva, fejn id-debitur ma jkunx tard aktar minn 90 jum;
  - (g) 0,275 għall-parti garantita ta' skopertura improduttiva li għandu jiġi applikat tul il-perjodu bejn erba' snin u ħames snin wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva, fejn id-debitur ikun tard b'aktar minn 90 jum;

- (h) 0,22 għall-parti garantita ta' skopertura improduttiva li għandu jiġi applikat tul il-perjodu bejn erba' snin u ħames snin wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva, fejn id-debitur ma jkunx tard aktar minn 90 jum;
- (i) 0,4 għall-parti garantita ta' skopertura improduttiva li għandu jiġi applikat tul il-perjodu bejn ħames snin u sitt snin wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva, fejn id-debitur ikun tard b'aktar minn 90 jum;
- (j) 0,32 għall-parti garantita ta' skopertura improduttiva li għandu jiġi applikat tul il-perjodu bejn ħames snin u sitt snin wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva, fejn id-debitur ma jkunx tard aktar minn 90 jum;
- (k) 0,55 għall-parti garantita ta' skopertura improduttiva li għandu jiġi applikat tul il-perjodu bejn sitt snin u seba' snin wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva, fejn id-debitur ikun tard b'aktar minn 90 jum;
- (l) 0,44 għall-parti garantita ta' skopertura improduttiva li għandu jiġi applikat tul il-perjodu bejn sitt snin u seba' snin wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva, fejn id-debitur ma jkunx tard aktar minn 90 jum;
- (m) 0,75 għall-parti garantita ta' skopertura improduttiva li għandu jiġi applikat tul il-perjodu bejn seba' snin u tmien snin wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva, fejn id-debitur ikun tard b'aktar minn 90 jum;
- (n) 0,6 għall-parti garantita ta' skopertura improduttiva li għandu jiġi applikat tul il-perjodu bejn seba' u tmien snin wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva, fejn id-debitur ma jkunx tard aktar minn 90 jum;
- (o) 1 għall-parti garantita ta' skopertura improduttiva li għandu jiġi applikat mill-ewwel jum tat-tmien sena wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva, fejn id-debitur ikun aktar minn 90 jum tard;
- (p) 0,8 għall-parti garantita ta' skopertura improduttiva li għandu jiġi applikat mill-ewwel jum tat-tmien sena wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva, fejn id-debitur ma jkunx tard aktar minn 90 jum.

4. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-fattur imsemmi fil-paragrafi 2 u 3 applikabbli għall-parti garantita jew mhux garantita ta' skopertura, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

- (a) fejn skopertura li tkun ġiet ikklassifikata bħala improduttiva għal raġunijiet barra milli tkun skaduta b'aktar minn 90 jum u sussegwentement issir skaduta b'aktar minn 90 jum, din għandha tiġi trattata, mill-ġurnata li tiskadi b'aktar minn 90 jum, bħallikieku kienet skaduta b'aktar minn 90 jum fid-data tal-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva;
- (b) skopertura li tkun ġiet ikklassifikata bħala improduttiva minħabba li tkun skaduta b'aktar minn 90 jum għandha tiġi trattata b'dan il-mod sakemm tieqaf tiġi kklassifikata bħala improduttiva f'konformità mal-paragrafi 4 u 6 tal-Artikolu 47a, irrISPettivament mir-ripagament tal-ammonti skaduti mid-debitur;
- (c) skopertura li tkun ġiet ikklassifikata bħala improduttiva minħabba li tkun skaduta b'aktar minn 90 jum u li sussegwentement tibbenefika minn miżuri ta' tolleranza, xorta għandha tibqa' tiġi trattata bħala skaduta b'aktar minn 90 jum;
- (d) jekk skopertura tkunx skaduta jew le b'aktar minn 90 jum għandu jiġi ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 178.

5. L-EBA għanda tivvaluta l-firxa ta' prattiki applikati għall-valutazzjoni ta' skoperturi improduttivi garantiti u tista' tiżviluppa linji gwida biex tispeċifika metodoloġija komuni, inklużi rekwiżiti possibbli minimi għall-valutazzjoni mill-ġdid f'termini ta' żmien u metodi *ad hoc*, għall-valwazzjoni prudenzjali ta' forom eliġibbli ta' protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu u protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu, partikolarment fir-rigward ta' preżunzjonijiet relatati mal-irkuprabbiltà u l-inforzabbiltà tagħhom.

Dawk il-linji gwida għandhom jinħarġu skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.”;

- (3) l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 111(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Il-valur ta' skopertura ta' entrata ta' assi għandu jkun il-valur ta' kontabbiltà tagħha li jifdal wara li jkunu ġew applikati aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 34 u 105, ammonti mnaqqsin f'konformità mal-Artikolu 36(1)(m) u tnaqqis ieħor minn fondi proprji marbutin mal-entrata ta' assi. Il-valur tal-iskopertura ta' entrata barra mill-karta bilanċjali elenkata fl-Anness I għandu jkun il-persentaġġ li ġej tal-valur nominali tagħha wara t-tnaqqis ta' aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu u ammonti mnaqqsin f'konformità mal-Artikolu 36(1)(m).”;

- (4) il-paragrafu 1 tal-Artikolu 127 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Il-parti mhux garantita ta' kwalunkwe element fejn id-debitur ikun sar inadempjenti f'konformità mal-Artikolu 178, jew fil-każ ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur, il-parti mhux iggarantita ta' kwalunkwe faċilità ta' kreditu li saret inadempjenti f'konformità mal-Artikolu 178 għandha tiġi assenjata piż tar-riskju ta':

(a) 150 %, fejn it-total tal-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu u tal-ammonti mnaqqsin f'konformità mal-Artikolu 36(1)(m) ikun anqas minn 20 % tal-parti mhux garantita tal-valur tal-iskopertura li kieku dawn l-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu u t-tnaqqis ma jiġux applikati;

(b) 100 %, fejn it-total tal-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu u tal-ammonti mnaqqsin f'konformità mal-Artikolu 36(1)(m) ma jkun anqas minn 20 % tal-parti mhux garantita tal-valur tal-iskopertura li kieku dawn l-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu u t-tnaqqis ma jiġux applikati.”;

- (5) L-Artikolu 159 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 159*

*Trattament tal-ammonti ta' telf mistenni*

L-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu l-ammonti ta' telf mistenni kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 158 (5), (6) u (10) mill-aġġustamenti ġenerali u speċifiċi għar-riskju ta' kreditu u aġġustamenti ta' valur addizzjonali f'konformità mal-Artikoli 34 u 110 u tnaqqis ieħor minn fondi proprji marbutin ma' dawn l-iskoperturi minbarra t-tnaqqis li jsir f'konformità mal-Artikolu 36(1)(m). Skontijiet fuq skoperturi li jidhru fuq il-karti bilanċjali mixtrija meta kienu inadempjenti f'konformità mal-Artikolu 166(1) għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħall-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu. L-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu fi skoperturi inadempjenti ma għandhomx jintużaw sabiex ikopru l-ammonti tat-telf mistenni fuq skoperturi oħra. L-ammonti ta' telf mistennija għall-iskoperturi titolizzati u l-aġġustamenti ġenerali u speċifiċi għar-riskju ta' kreditu relatati ma' dawn l-iskoperturi ma għandhomx jiġu inklużi f'dan il-kalkolu.”;

- (6) il-punt (b) tal-Artikolu 178(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:



“(b) id-debitur ikun qabeż il-jum tal-għeluq b’aktar minn 90 ġurnata fuq kwalunkwe obbligazzjoni ta’ kreditu materjali lill-istituzzjoni, lill-impriża prinċipali jew lil xi waħda mis-sussidjarji tagħha. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jissostitwixxu 90 jum b’180 jum għall-iskoperturi ggarantiti mill-proprjetà residenzjali jew minn proprjetà immobbli kummerċjali tal-SMEs fil-klassi tal-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur, kif ukoll għall-iskoperturi għal entitajiet tas-settur pubbliku. Il-180 jum ma għandhomx japplikaw għall-finijiet tal-Artikolu 36(1)(m) jew tal-Artikolu 127.”;

(7) jiddaħħal l-Artikolu 469a li ġej:

*“Artikolu 469a*

*Deroga mit-tnaqqis minn entrati ta’ Grad 1 ta’ Ekwità Komuni għal skoperturi improduttivi*

B’deroga mill-Artikolu 36(1)(m), l-istituzzjonijiet ma għandhomx inaqqsu mill-entrati ta’ Grad 1 ta’ Ekwità Komuni l-ammont applikabbli ta’ kopertura insuffiċjenti għal skoperturi improduttivi fejn l-iskopertura tkun seħħet qabel l-14 ta’ Marzu 2018.

Fejn it-termini u l-kundizzjonijiet ta’ skopertura li seħħet qabel l-14 ta’ Marzu 2018 jiġu mmodifikati mill-istituzzjoni b’tali mod li jżid l-iskopertura tal-istituzzjoni lid-debitur, l-iskopertura għandha titqies li kienet seħħet fid-data meta tapplika l-modifika u ma għandhiex tibqa’ tiġi suġġetta għad-deroga stipulata fl-ewwel subparagrafu.”.

*Artikolu 2*

*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*